Frenċ ta' l-Għarb - 4

# It-Talb u l-Għolja ta' Għammar



*Waħda mill-istatwi tal-Via Sagra li hemm fuq l-Għolja t'Għammar*

**jikteb Angelo Xuereb**

Il-bniedem ta' Alla ma huwiex kuntent biss li jħobb lil Alla iżda jagħmel minn kollox biex in-nies l-oħrajn iħobbuh. Għalhekk kwazi dejjem fil-ħajjiet tal-qaddisin naraw li huma ħolmu bi proġetti li kellhom jagħtuhom imrar iżda għamluhom għall-akbar glorja t'Alla.

Frenċ lejn l-aħħar snin ta' ħajtu beda juri imħabba speċjali lejn l-għolja ta' Għammar. Huwa ġie li kien iqatta' xi lejl jitlob fuq din il-għolja jew xi waħda qrib. Lejn l-aħħar sitt snin ta' ħajtu din l-għolja bdiet tiġbdu u ssaħħru aktar. Huwa ma damx ma tella' santa kbira tal-Madonna Ta' Pinu. U saritilha wkoll niċċa.

Għalkemm huwa ried li jxerred l-istess devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu, madankollu huwa bħal donnu xtaq li tinbena xi kappella. Izda l-Isqof ta' dak iz-zmien Mons.Guzeppi Pace ma qabilx li tinbena Knisja anzi fis-sena 1961 huwa ordna li n-niċċa li kien hemm titneħħa. Izda għalkemm din l-ordni ma għoġbotx lill-Frenċ, madankollu huwa obda lill-Isqof tiegħu

Imbagħad fil-21 ta' Diċembru, ittella' salib fuq l-għolja ta' Għammar. Frenċ kien preżenti għal dik l-okkażjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn bdew isiru pellegrinaġġi bejn is-Santwarju Ta' Pinu u l-għolja ta' Għammar. Kien jingħad ir-Rużarju, kif ukoll bdew isiru meditazzjonijiet fuq l-istazzjonijiet tal-Via Sagra.

Infatti fis-sena 1963 l-Isqof stess mar iżuru. Frenċ staqsieh kellux itella' n-nies. L-Isqof wieġbu: Għaliex le? Minn min qed tibża'? Għal hemm m'għandekx bżonn ta' ċwievet. Għalhekk nistgħu naraw li l-opra li beda Frenċ ġiet approvata mill-Knisja lokali.

Għal dawk li kienu jafdaw f'dan il-bniedem, ta' Għammar saret għolja qaddisa. In-nies bdiet bi ħġarha tmur hemm. Saħansitra kien hemm min xerridha li xi ħadd kellu xi viżjonijiet hemmhekk.

Infatti Frenċ stess ammetta li huwa qatt ma ra xejn fuq dik l-għolja iżda kien iħossu qrib tal-Madonna.

*Dan il-proġett ta' l-għolja ta' Għammar li beda Frenċ tal-Għarb għadu magħna sal-lum. Bosta nies għadhom jitilgħu fuq l-għolja jagħmlu l-Via Sagra u biex jitolbu l-Madonna. B'hekk b'dan il-proġett ta' l-għolja ta' Għammar Sidna Ġesu Kristu għadu jigi magħruf u maħbub.*